IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2016
COM(2016) 786 final

2016/0389 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar statistika integrata tal-azjendi agrikoli

u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 429 final}
{SWD(2016) 430 final}

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu informazzjoni statistika supplimentari dwar l-agrikoltura sabiex jippjanaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-impatt u l-effiċjenza tal-politiki attwali u t-tibdil potenzjali tagħhom. Tali tibdil huwa pereżempju relatat mal-impatt tal-agrikoltura fuq l-ambjent u ma’ prattiki ta’ biedja sostenibbli. Evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS, European Agricultural Statistics System) ikkonkludiet li anki jekk l-utenti ewlenin tal-istatistika agrikola huma pjuttost sodisfatti bil-livell ta’ dettall u bil-kwalità tal-istatistika agrikola, mhumiex kuntenti bin-nuqqas ta’ dejta dwar oqsma speċifiċi (karti tal-bilanċ tal-provvista, prezzijiet u kirjiet ta’ artijiet, flussi ta’ nutrijenti, dejta relatata mal-ambjent, u oħrajn), u li s-sistema hija riġida wisq u ma tippermettix l-introduzzjoni rapida ta’ ġabriet ta’ dejta ġodda.

L-istatistika agrikola użata fil-livell tal-Unjoni hija meħuda minn varjetà ta’ sorsi: stħarriġ statistiku, dejta amministrattiva, dejta minn azjendi agrikoli u minn negozji oħra, kif ukoll dejta fil-livell tal-azjendi agrikoli fil-forma ta’ ċensimenti u kampjuni agrikoli. Il-proposta attwali hija relatata ma’ dak l-aħħar sors ta’ dejta ta’ statistika agrikola.

Is-sistema attwali għall-produzzjoni ta’ statistika Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u tal-unitajiet domestiċi agrikoli hija bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Id-dejta hija miġbura minn kampjuni u kull għaxar snin minn ċensiment. L-aħħar stħarriġ li sar fil-qafas ta’ dak ir-Regolament huwa l-Istħarriġ tal-Istruttura tal-Farms (FSS) fl-2016.

Din l-inizjattiva hija parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u hija l-ewwel pass tal-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola 2020 u lil hinn minnha, bil-għan li tissimplifika l-EASS fl-intier tagħha u li l-proċess tal-ġbir tad-dejta jsir aktar effiċjenti u rilevanti. Iż-żewġ Regolamenti proposti fl-istrateġija, li l-ewwel wieħed minnhom huwa propost f’dan id-dokument, għandhom jiggarantixxu l-kumparabbiltà u l-konsistenza tad-dejta agrikola fit-tul. L-EASS għandha tkun robusta u effiċjenti biżżejjed, u għandha tiżgura li tinżamm il-kwalità għolja tal-istatistika - proċedura li tista’ tkun ta’ sfida minħabba l-bidla kontinwa f’dan il-qasam. Dan l-ewwel regolament għandu jiżgura l-kontinwazzjoni tas-serje ta’ stħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli Ewropej, u b’hekk jiżgura serje ta’ żmien konsistenti, filwaqt li jkunu ssodisfati l-ħtiġijiet ġodda u emerġenti għad-dejta fil-livell tal-azjendi agrikoli.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Jeħtieġ li l-istatistika tkun affidabbli u ta’ kwalità għolja sabiex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza. Madankollu, il-forniment ta’ statistika ta’ dik il-kwalità mhux faċli għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS): id-domanda dejjem tikber għad-dejta u l-pressjoni mill-parteċipanti fi stħarriġ statistiku biex jitnaqqas il-piż jingħaqdu flimkien biex ipoġġu pressjoni fuq il-produzzjoni tal-istatistika. Inizjattivi tal-istatistika reċenti sussegwentement għandhom l-għan

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

li jissimplifikaw u li jtejbu l-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni fi ħdan l-ESS, bil-ħsieb li l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea ssir aktar effiċjenti u jitnaqqas il-piż fuq il-parteċipanti. Eżempju wieħed huwa r-Regolament (KE)Nru 223/2009[2] dwar l-istatistika Ewropea li kien emendat fl-2015 biex tkun iċċarata l-governanza tal-ESS u biex jissaħħu l-mezzi ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Inizjattivi ta' modernizzar oħra, bħal din il-proposta, huma inklużi fl-inizjattiva REFIT tal-Kummissjoni u għandhom l-għan li jissimplifikaw u li jirrazzjonalizzaw il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea fi ħdan dominji mmirati.

Strateġija dwar l-istatistika agrikola li ġiet abbozzata minn Eurostat u maqbula mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) għandha bħala objettivi speċifiċi li:

- tipproduċi statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettiv;
- iżżid il-flessibbiltà u l-veloċità fir-reazzjoni tas-sistema tal-istatistika agrikola;
- ittejjeb l-integrazzjoni bejn l-istatistika tal-agrikoltura, tal-foresterija, tal-użu tal-art u dik tal-ambjent;
- tiżviluppa struttura ta' governanza li hija reattiva u responsabbli għall-istatistika agrikola;
- ittejjeb l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea;
- tipproduċi aktar statistika filwaqt li jitnaqqas il-piż fuq il-parteċipanti permezz tal-esplorazzjoni ta' sorsi ta' dejta alternattivi u possibbiltajiet ta' titjib fl-effiċjenza.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-forniment ta' statistika ta' kwalità b'appoġġ għall-politiki Ewropej huwa l-ixprunatur ewlieni tal-Programm ta' Statistika Ewropew 2013-2017. L-istatistika ambjentali u dik agrikola huma wieħed mit-tliet pilastri tal-produzzjoni statistika taħt dak il-programm. Fost l-objettivi rilevanti tal-programm hemm "l-analiżi u s-simplifikazzjoni tal-ġbir ta' data dwar l-agrikoltura b'konformità mal-analiżi tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013 u t-tfassil mill-ġdid ta' proċessi tal-ġbir ta' data dwar l-agrikoltura, b'mod partikolari bl-għan li jittejbu l-kwalità u l-puntwalità tad-data mogħtija." Din l-inizjattiva timplimenta dak l-objettiv.

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola futura se tikkontribwixxi wkoll għal mill-inqas erbgħa mill-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni, jiġifieri

- "1. Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment";
- "3. Unjoni tal-enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem";
- "4. Suq intern aktar profond u ġust b'bażi industrijali msaħħa"; u
- "9. Attur globali aktar b'saħħtu";

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

billi tipprovdi dejta aħjar għall-politiki dwar l-impjiegi, it-tkabbir, l-investiment, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni, fl-agrikoltura, it-tibdil fil-klima, il-bijoenerġija u l-azzjonijiet ambjentali, u fehim aktar profond tal-flussi, l-iżviluppi u r-riskji globali tal-ikel, rispettivament. L-istatistika agrikola tista' tkun utli wkoll għal prijoritajiet oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri li jaffetwaw jew li huma affettwati minn żvilupp agrikolu u rurali.

L-istatistika agrikola tipprovdi evidenza statistika ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2014-2020. Il-PAK hija xprunatur importanti għall-impjiegi u u għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni. Il-politika dwar l-iżvilupp rurali, peress li hija parti integrali tal-PAK, minbarra l-objettivi soċjali tagħha timmira li ttejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola. Il-PAK tirrappreżenta aktar minn 37 % tal-baġit totali tal-Unjoni fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020.

L-istatistika agrikola hija wkoll dejjem aktar meħtieġa għal politiki tal-Unjoni ewlenin oħra bħall-politika soċjali, il-politika ambjentali u dik dwar it-tibdil fil-klima, il-politika kummerċjali, il-politika reġjonali, eċċ.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika fejn dan huwa neċessarju biex l-Unjoni twettaq ir-rwol tagħha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-produzzjoni ta' statistika Ewropea, fejn jgħid li trid tkun konformi ma' standards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, kost-effettività u kunfidenzjalità tal-istatistika.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-ESS tipprovdi infrastruttura għal informazzjoni statistika. Is-sistema hija mfassla biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti multipli, għall-fini ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata bil-ħsieb li tipproteġi l-attivitajiet ċentrali tas-sħab tal-ESS filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza u jiġi żgurat li sa fejn hu possibbli jkunu evitati t-tibdil bla bżonn u d-duplikazzjoni tax-xogħol.

Il-ġbir ta' statistika kopert mill-proposta attwalment isir skont regoli differenti fil-livell tal-Unjoni. Il-proposta għandha l-intenzjoni li tissimplifika u timmodernizza l-ġbir tal-istatistika fil-livell tal-azjendi agrikoli taħt qafas wieħed filwaqt li l-istatistika agrikola l-oħra kollha tkun inkluża f'regolament qafas ieħor. Huwa possibbli biss li tiġi provduta statistika mifruxa mal-Unjoni u kumparabbli għal finijiet ta' politika billi tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Wieħed mill-bosta kriterji li d-dejta statistika trid tirrispetta huwa li tkun konsistenti u kumparabbli. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-kumparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri, leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kunċetti tal-istatistika komuni, il-formati għar-rappurtar u r-rekwiżiti ta' kwalità.

L-objettiv tal-azzjoni proposta, b'mod partikolari r-razzjonalizzazzjoni tal-istatistika agrikola Ewropea, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri li jaġixxu indipendentement. Tista' tittieħed azzjoni b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' att legali tal-Unjoni li jiżgura l-kumparabbiltà tal-informazzjoni statistika fil-livell tal-Unjoni

fl-oqsma ta' statistika koperti mill-att propost. Sadanittant, il-ġbir tad-dejta nnifsu jista' jsir mill-Istati Membri.

L-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri f'dan il-qasam skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalitá, fid-dawl ta' dan li ġej:

Din se tiżgura l-kwalità u l-kumparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea miġbura minn kampjuni billi jiġu applikati l-istess prinċipji fl-Istati Membri kollha. B'mod simili se tiżgura li l-istatistika agrikola Ewropea tibqa' rilevanti u tkun adattata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utent. Ir-Regolament se jagħmel il-produzzjoni tal-istatistika aktar kost-effettiva filwaqt li jkunu rrispettati l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tal-Istati Membri.

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-istatistika agrikola ilha żviluppata mill-ħamsinijiet. Evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS) uriet li b'qafas komuni għall-proċess tal-ġbir, l-ipproċessar u d-disseminazzjoni tad-dejta statistika fl-agrikoltura, il-proċessi jistgħu jkunu aktar effiċjenti (kost/benefiċċju) u effettivi u jitnaqsu l-kwistjonijiet ta' kwalità identifikati.

Ir-Regolament huwa mistenni jnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv tal-parteċipanti, tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, tan-negozji u tal-pubbliku ġenerali. Se jagħmel dan b'mod partikolari billi: jistandardizza kunċetti u metodi, ineħħi duplikazzjonijiet, inaqqas il-frekwenza li biha trid tiġi provduta d-dejta f'xi oqsma, u jsir użu akbar minn taħlita ta' sorsi flimkien mal-istħarriġ.

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita lilu nnifsu għall-minimu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Regolament.

B'kunsiderazzjoni għall-objettivi u għall-kontenut tal-proposta, Regolament huwa l-aktar strument xieraq. Politiki komuni tal-UE importanti bħall-PAK minnhom infushom jiddependu fuq statistika agrikola kumparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu jiġu żgurati l-aħjar b'Regolamenti, li huma direttament applikabbli fl-Istati Membri u ma jeħtieġx li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali. Dawn jippermettu l-ġbir ta' dejta bl-istess livell ta' dettall fl-Istati Membri kollha u jimponu l-applikazzjoni ta' standards, definizzjonijiet u metodoloġiji komuni. Dan jiżgura l-produzzjoni ta' statistika kumparabbli ta' kwalità għolja għas-servizz tal-politiki tal-UE b'mod effiċjenti u f'waqtu. Direttivi ma jkunux jistgħu jiżguraw livell simili tal-armonizzazzjoni mixtieqa, peress li l-kwalità tad-dejta tkun tiddependi fuq id-deċiżjonijiet ta' 28 leġiżlatura differenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Għalkemm din l-inizjattiva tnediet qabel l-adozzjoni tal-linji gwida l-ġodda dwar Regolamentazzjoni Aħjar (COM (2015) 215), saret evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, abbażi tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni diġà disponibbli. Barra minn hekk, is-sistema

ta' standards tal-Eurostat għall-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti[3] ffurmat parti ċentrali tal-proċess kollu.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika agrikola Ewropea huma miksuba mill-Eurostat permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib, koordinata u regolari fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika, fuq bażi ta' sħubija twila bejn il-Eurostat u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs, National Statistical Offices), kif ukoll l-awtoritajiet rilevanti l-oħra kollha.

Il-kategoriji prinċipali tal-partijiet ikkonċernati tal-istatistika agrikola Ewropea huma l-produtturi tad-dejta (NSIs u ONAs kif ukoll il-Eurostat), il-parteċipanti (bdiewa, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u negozji) u l-utenti (dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, fis-settur pubbliku u privat, b'mod partikolari DĠs oħra tal-Kummissjoni; riċerkaturi u ġurnalisti). Dawn ġew ikkonsultati b'mod estensiv dwar il-problemi u t-tibdil mixtieq fl-istatus quo, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tad-dejta tagħhom, l-opzjonijiet ta' politika possibbli biex jissolvew il-problemi, l-impatti tal-azzjonijiet issuġġeriti, u l-formulazzjoni tal-istrateġija speċifikament, kif turi t-tabella li ġejja li tipprovdi ħarsa ġenerali. Il-fora ewlenin għal dawn il-konsultazzjonijiet kienu l-laqgħat u s-seminars tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola (KPSA) u s-suċċessur tiegħu, il-Grupp tad-Diretturi dwar l-Istatistika Agrikola (DGAS) (għad-diretturi tal-NSI tal-istatistika agrikola, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, il-parteċipanti tad-dejta, l-utenti tad-dejta u oħrajn), il-laqgħat tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) (għad-diretturi ġenerali tal-NSI), u l-konsultazzjonijiet u s-seduti ppjanati regolarment (għad-DĠ tal-Kummissjoni).

Ħarsa ġenerali tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati dwar l-istrateġija tal-istatistika agrikola 2020

	Konsultazzjoni dwar problemi u tibdil	**Konsultazzjoni dwar ħtiġijiet u prijoritajiet**	**Konsultazzjoni dwar opzjonijiet u impatti**
Produtturi	Laqgħa tal-ESSC f'Mejju 2014	Laqgħat u Seminars tas-CPSA mill-2009 'l hawn	Laqgħa tad-DGAS f'Lulju 2015, Laqgħa tal-ESSC f'Novembru 2015
Parteċipanti	Seminars tas-CPSA mill-2009 'l hawn		Konsultazzjoni pubblika miftuħa minn Awwissu sa Novembru 2015
Utenti	Konsultazzjoni pubblika miftuħa minn Awwissu sa Novembru 2015 Konsultazzjonijiet bil-miktub u seduti mill-2014 'l hawn		

Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa saret matul Awwissu u Novembru 2015 u r-riżultati huma mogħtija fid-dettall f'rapport speċifiku[4].

Ir-riżultati prinċipali tal-konsultazzjonijiet ta' hawn fuq, li jiffurmaw il-qalba tal-istrateġija dwar l-istatistika agrikola 2020 u sussegwentement ta' dan ir-regolament, huma tlieta:

3 Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/evaluation

4 Sit web ta' konsultazzjoni pubblika tal-Eurostat: http://ec.europa.eu/eurostat/about/opportunities/consultations/eass
Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika miftuħa: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/6937766/Agricultural-Statistics-Strategy-2020-Report.docx

- **Il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-istatistika agrikola ma taqdix b'mod adegwat il-ħtiġijiet ġodda u oħrajn li qed jitfaċċaw fir-rigward tad-dejta** minħabba li l-forniment tagħha mhux inkluż fl-atti leġiżlattivi, u l-atti mhumiex flessibbli u integrati biżżejjed biex iwieġbu għall-ħtiġijiet ġodda f'waqtu. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008, li huwa element ċentrali fl-EASS ġenerali attwali, mill-2018 mhu se jibqa' jipprovdi l-ebda informazzjoni statistika.

  Dawn il-*ħtiġijiet ta' dejta ġodda* prinċipalment jirriżultaw minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, minn leġiżlazzjoni riveduta u minn prijoritajiet ta'politika li qed jinbidlu, b'mod partikolari l-PAK riformata riċentement.

- **Il-ġabriet ta' dejta mhumiex armonizzati u koerenti** minħabba li qed jitfaċċaw ħtiġijiet ta' dejta ġodda, il-leġiżlazzjoni ġiet żviluppata separatament tul bosta snin, u definizzjonijiet u kunċetti parzjalment differenti jintużaw f'oqsma ta' statistika agrikola differenti.

- **Il-piż li tkun provduta dejta huwa meqjus kbir wisq** minħabba li l-ħtiġijiet ta' dejta qed jiżdiedu, il-ġbir tad-dejta mhuwiex armonizzat, u r-riżorsi qed ikomplu jonqsu fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Dak il-piż kien ikkonfermat li jqiegħed f'periklu l-ġbir tad-dejta u l-kwalità tad-dejta.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Il-Eurostat kellu diskussjonijiet estensivi dwar il-proposta mal-NSI. Huwa ħoloq gruppi ta' ħidma, task forces, u gruppi tad-diretturi, li ltaqgħu regolarment biex jikkonsultaw dwar il-proposta. Il-proposta kienet ukoll ippreżentata lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Din tidentifika l-problemi, li attwalment qed jiġu affaċċjati, tippreżenta għadd ta' opzjonijiet ta' politika li jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati dawk il-problemi, u tivvaluta l-impatt soċjali u ekonomiku ta' kull waħda minn dawn l-opzjonijiet.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva tal-valutazzjoni tal-impatt f'Marzu 2016.

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat tliet fatturi prinċipali sottostanti għall-problemi li qed jiġu affaċċjati fil-qasam tal-EASS:

(1) ħtiġijiet ta' dejta ġodda u li qed jitfaċċaw mhux moqdija b'mod adegwat;

(2) ġabriet ta' dejta mhux armonizzati u koerenti biżżejjed;

(3) il-piż tal-forniment ta' dejta meqjus bħala kbir wisq.

L-opzjonijiet li ġejjin kienu vvalutati bħala modi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati.

Opzjoni	Deskrizzjoni
1. Linja bażi - l-ebda azzjoni tal-Unjoni dwar dejta strutturali tal-agrikoltura	Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni tal-Unjoni, ir-riżultat ikun li r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jiskadi u l-ġbir ta' dejta strutturali dwar l-

MT MT

	agrikoltura jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Il-leġiżlazzjoni l-oħra dwar l-istatistika agrikola kieku tibqa' fis-seħħ kif inhi llum, iżda b'inqas assigurazzjoni tal-kwalità peress li ċ-ċensiment agrikolu ta' spiss jintuża biex ikunu aġġornati r-reġistri tal-azjendi agrikoli li huma użati għall-istratifikazzjoni fi stħarriġ kampjunarju.
2. Prolongament tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008	Tiġdid tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 li jiskadi fl-2018. Dan ikun ifisser li s-sistema attwali, fis-seħħ mill-1966, tkompli mingħajr ma jiġi integrat it-tibdil. Il-leġiżlazzjoni l-oħra dwar l-istatistika agrikola kieku tibqa' fis-seħħ, u l-istatus quo jkompli.
3. Qafas legali uniku għall-istatistika agrikola kollha	Ħolqien ta' qafas legali kompletament ġdid għall-istatistika agrikola kollha tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni kollha relatata mal-istatistika agrikola tkun kieku integrata f'regolament qafas uniku wieħed.
4. Integrazzjoni f'żewġ stadji tal-istatistika agrikola	L-integrazzjoni f'żewġ stadji tal-istatistika agrikola tkun tissalvagwardja l-kontinwazzjoni u l-immodernizzar tal-istatistika strutturali dwar l-agrikoltura. Kieku jiġu introdotti pass pass żewġ regolamenti qafas ġodda: regolament dwar statistika integrata dwar l-azjendi agrikoli (IFS, integrated farm statistics) u regolament qafas ieħor dwar l-istatistika dwar l-input u l-prodotti agrikoli (SAIO, statistics on agricultural input and output).

Wara valutazzjoni dettaljata tal-impatti tal-opzjonijiet differenti, intlaħqu l-konklużjonijiet li ġejjin:

L-**Opzjoni 1 "Linja bażi"** toffri l-agħar eżiti fi kważi kull dimensjoni, partikolarment f'terminu twil peress li l-ħtiġijiet tad-dejta u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi jsiru saħansitra aktar urġenti. L-**Opzjoni 2 "Prolongament"** toffri valur limitat biss f'terminu qasir u tagħmel ħsara gravi lill-funzjonament tal-EASS fil-perjodu fit-tul peress li ssir aktar skaduta u ta'piż. L-**Opzjonijiet 3 "Regolament qafas wieħed"** u **4 "Integrazzjoni f'żewġ stadji"**, filwaqt li jirrikjedu xi investimenti inizjali u Regolamenti tal-UE ġodda, joffru l-aħjar possibbiltajiet biex jintlaħqu l-objettivi formulati qabel b'mod kosteffiċjenti, jippreżentaw l-aktar riskji komparattivament baxxi, għandhom l-aktar impatti indiretti pożittivi, u jissodisfaw l-aħjar ir-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati. Dawn jissodisfaw ukoll l-għanijiet tal-inizjattiva REFIT li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex jiżdied il-proporzjon ta' kost-benefiċċju tagħha u jitnaqqas il-piż fuq l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). L-Opzjoni 4 għandha wkoll il-benefiċċji miżjuda li tippreżenta riskju inqas tal-ħin fil-proċess leġiżlattiv (peress li regolament ġdid ta' ċensiment agrikolu jeħtieġ jiġi adottat mill-Kunsill u mill-Parlament sa mhux aktar tard minn tmiem l-2018) u hija kemxejn aktar flessibbli minħabba arkitettura leġiżlattiva inqas riġida. Għaldaqstant, il-Eurostat jippreferi l-opzjoni 4 mill-opzjoni 3.

Il-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-EASS, jiġifieri l-Kummissjoni bħala utent tad-dejta, l-NSIs u l-ONAs bħala produtturi tad-dejta, u l-bdiewa bħala parteċipanti tad-dejta wkoll jippreferu l-opzjoni 4.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-objettiv ta' REFIT tal-proposta huwa li jsir l-aħjar użu mill-informazzjoni provduta, u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali u futuri għall-istatistika agrikola Ewropea filwaqt li jkun limitat l-oneru tar-risposta. Dawn l-għanijiet se jinkisbu billi d-diversi eżerċizzji ta' ġbir ta' dejta statistika Ewropea, li attwalment huma koperti minn regolamenti separati, jinġabru taħt qafas wieħed.

Id-dettalji tat-tnaqqis tal-kostijiet għall-produtturi u l-fornituri tad-dejta, ikkalkulati abbażi ta' xenarji mudell, jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt (taqsima 5 "Analiżi tal-Impatti" u l-Anness IV: "Metodoloġija tal-analiżi tal-impatt").

Il-proposta timmira li tnaqqas il-piż fuq il-mikrointrapriżi u l-SMEs billi tgħolli l-limiti massimi tal-istħarriġ.

Il-proposta tippromwovi l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni ta' sostenn u t-teknoloġija ta' komunikazzjoni billi jsir użu minn:

- L-istess speċifikazzjonijiet tekniċi għal settijiet ta' dejta. L-ispeċifikazzjonijiet se jinkludu n-numru u d-deskrizzjoni ta' varjabbli; il-klassifikazzjonijiet tal-istatistika; il-karatteristiċi tal-popolazzjonijiet tal-istatistika, l-unitajiet ta' osservazzjoni u l-parteċipanti; il-perjodi u d-dati ta' referenza; u r-rekwiżiti relatati mal-kopertura ġeografika, il-karatteristiċi tal-kampjun, l-aspetti tekniċi tal-editjar u l-imputazzjoni tal-ħidma fuq il-post, il-ponderazzjoni, l-istima u l-istima tal-varjanza.
- L-istess standards għas-sottomissjoni tad-dejta u l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-Eurostat u l-Istati Membri. L-istandards se jkopru kunċetti, proċessi u prodotti, inkluża dejta u metadejta.

Fejn il-kwalità tad-dejta hija konformi mal-kriterji ta' kwalità mogħtija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu dejta minn diversi sorsi inklużi metodi jew approċċi innovattivi fejn dawn jiżguraw il-produzzjoni ta' dejta li hija kumparabbli u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti mir-Regolament.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-aktar kunsiderazzjonijiet rilevanti għal din il-proposta huma l-effetti possibbli fuq il-protezzjoni tad-dejta personali (fejn id-drittijiet huma stabbiliti mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mill-Artikolu 16 tat-TFUE u f'leġiżlazzjoni sekondarja[5]). L-ebda waħda mill-opzjonijiet ta' politika magħżula, madankollu, ma tipprevedi bidla fid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-istatistika tipprevedi li l-NSIs jiggarantixxu l-protezzjoni tad-dejta. Huma għandhom politiki b'saħħithom fis-seħħ, pereżempju, għas-salvagwardja tal-kunfidenzjalità tal-parteċipanti, l-anonimizzazzjoni tad-dejta u l-protezzjoni tat-tweġibiet għall-kwestjonarji.

[5] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għandha impatt finanzjarju għas-snin 2019 sal-2020 (b'impatt finanzjaru possibbli estiż sal-2028 skont il-QFP li jmiss).

L-approprjazzjonijiet totali taħt il-QFP attwali huma stmati għal EUR 40 miljun. L-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati huma mniżżla fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-Regolament propost mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2017 u ftit wara dan għandu jkun segwit bl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri huma mistennija jibdew jipprovdu d-dejta lill-Kummissjoni taħt ir-Regolament il-ġdid fl-2022.

L-istrument leġiżlattiv propost huwa parti mill-EASS li se tkun soġġetta għal evalwazzjoni kompluta sabiex ikun ivvalutat, fost affarijiet oħra, kemm kienet effettiva u effiċjenti f'termini tal-kisba tal-objettivi u biex ikun deċiż dwar jekk humiex meħtieġa jew le miżuri jew emendi ġodda.

- **Monitoraġġ annwali tal-konformità tal-istatistika prodotta**

Il-Eurostat iwettaq valutazzjonijiet tal-konformità annwali. Dawk il-valutazzjonijiet jinkludu reviżjoni tad-disponibbiltà, tal-kwalità u tal-puntwalità tad-dejta u azzjonijiet ta' segwitu f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni biċ-ċifri rilevanti dwar l-istatistika agrikola. Dawk iċ-ċifri huma soġġetti għal skadenzi ta' trażmissjoni stretti li għandhom jiġu rispettati għall-ġestjoni tajba, id-disseminazzjoni u l-utilità tal-istatistika tal-Unjoni, peress li d-dejta nieqsa jew mhux kompluta twassal għal nuqqasijiet fid-disponibbiltà ta' informazzjoni (jiġifieri, ma jkunx possibbli li jiġu kkalkulati l-aggregati tal-Unjoni u li tiġi pubblikata d-dejta skont skedi ta' żmien pjanati).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, li huwa l-qafas ġuridiku bażiku għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u għal-leġiżlazzjoni settorjali kollha għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea, ġie emendat fid-29 ta' April 2015.

Filwaqt li *t-tempestività, il-puntwalità u l-kompletezza* huma diġà fatturi importanti fil-valutazzjonijiet annwali tal-konformità sabiex tkun żgurata d-disseminazzjoni f'waqtha tal-istatistika agrikola, se tingħata aktar attenzjoni lil dawn u lil dimensjonijiet ta' kwalità oħra sabiex tkun żgurata l-fiduċja fl-istatistika prodotta mill-ESS.

- **Titjib kontinwu tal-EASS: identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' dejta ġodda u sorsi ta' dejta ġodda, titjib ta' koerenza, tnaqqis tal-piż**

Fil-preżent, il-Eurosta jwettaq seduti annwali ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni. Punt importanti għal dawk is-seduti huwa l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma rispettivi. Huma jipprovdu pjattaforma formali għad-dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet futuri għal statistika ġdida, u sabiex tkun riveduta l-utilità tal-istatistika disponibbli.

Il-kollaborazzjoni ulterjuri ma’ servizzi tal-Kummissjoni oħra, mal-NSIs u mal-ONAs se ssir f’livelli ġerarkiki differenti f’laqgħat ta’ Gruppi ta’ Ħidma u seminars regolari, f'laqgħat tal-Grupp tad-Diretturi, f'laqgħat tal-ESSC, u permezz ta’ skambji bilaterali frekwenti. Se tingħata attenzjoni partikolari fuq l-identifikazzjoni ta’ dejta amministrattiva u sorsi ta’ informazzjoni oħra miżmuma taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-valutazzjoni tal-adattabbiltà tagħhom għall-produzzjoni ta’ statistika sabiex ikunu stabbiliti ftehimiet għall-istabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-adattament eventwali tagħhom għal idoneità aħjar mar-rekwiżiti tal-istatistika. Barra minn hekk, se jitwettaq stħarriġ u analiżi perjodiċi sabiex ikun identifikat it-titjib possibbli tal-istatistika agrikola Ewropea u biex jitnaqqas il-piż, pereżempju billi jkunu mneħħija l-varjabbli bi proporzjon ta’ kost-benefiċċju baxx. Il-qafas legali aktar flessibbli ġdid se jagħmilha possibbli li jkun hemm aġġustamenti.

Dawk l-aġġustamenti u l-funzjonament ġenerali tal-qafas legali se jkunu mmonitorjati u evalwati b’mod partikolari mal-objettivi tal-istrateġija elenkati qabel.

- Rapporti ta’ monitoraġġ ta’ kull tliet snin

Sabiex ikun immonitorjat il-funzjonament tal-EASS imġedda u sabiex ikun żgurat li din tilħaq l-għanijiet REFIT ta’ simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-piż, kull tliet snin għandu jsir rappurtar regolari dwar il-funzjonament tas-sistema inġenerali.

- Evalwazzjoni

It-tieni rapport ta’ monitoraġġ ta’ kull tliet snin se jkun sostitwit b’evalwazzjoni retrospettiva tal-EASS imġedda, imwettqa skont il-linji gwida ta’ evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Din tista’ tikkostitwixxi wkoll bażi għal reviżjonijiet ulterjuri tal-leġiżlazzjoni, jekk jitqies meħtieġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost jikkonsisti f’19-il Artikolu u ħames Annessi.

Kif stabbilit fl-artikolu 1, l-għan tar-Regolament huwa l-istabbiliment ta’ qafas għall-istatistika agrikola Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u li tkun prevista l-integrazzjoni tal-informazzjoni strutturali ma’ informazzjoni oħra, bħal metodi ta’ produzzjoni, miżuri ta’ żvilupp rurali, aspetti agroambjentali u oħrajn. Id-definizzjonijiet ewlenin huma deskritti fl-Artikolu 2. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura huma deskritti fl-Artikolu 3. Il-proposta tippermetti u tippromwovi l-użu ta’ forom ġodda ta’ ġbir ta’ dejta u ta’ sorsi ta’ dejta alternattivi inkluża dejta amministrattiva u sorsi oħra (Artikolu 4).

L-istatistika koperta mir-Regolament hija msemmija fl-Artikoli 5, 6 u 7 għal snin u perjodi ta’ referenza speċifiċi (Artikolu 10). Ir-Regolament jipproponi li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati biex ikunu emendati l-karatteristiċi ċentrali elenkati fl-Anness III (Artikolu 5), b’restrizzjoni għall-allinjament ma’ reġistri amministrattivi, u s-suġġetti dettaljati għall-moduli elenkati fl-Anness IV (Artikolu 8) biex id-dejta miġbura tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-utenti; u biex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-utent fi stħarriġ *ad hoc* (Artikolu 9).

Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa tadotta miżuri ta' implimentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għas-settijiet ta’ dejta (Artikolu 8) u r-rappurtar ta’ kwalità (Artikolu 11). Ir-rekwiżiti relatati mar-rappurtar ta’ kwalità huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 223/2009, li jipprovdi qafas ta’ referenza u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji ta’ statistika u mal-kriterji ta’ kwalità speċifikati f’dak ir-Regolament.

Id-dejta għandha tiġi trażmessa fi skadenzi ta’ żmien definiti minn qabel (Artikolu 12).

L-abbozz ta’ regolament jinkludi d-dispożizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri (Artikoli 13 u 14):

- biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ dejta u jiżviluppaw metodoloġiji li jimmiraw lejn kwalità ogħla jew kostijiet aktar baxxi, jew it-tnejn li huma, u l-piż amministrattiv tal-ġbir u l-produzzjoni ta’ statistika integrata dwar azjendi agrikoli;
- għall-kost tal-ġbir ta’ dejta;
- għall-ġbir ta’ dejta *ad hoc*.

Barra minn hekk, ir-Regolament fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (Artikolu 15), u dwar l-eżerċizzju tad-delega ta' setgħat (Artikolu 16).

L-Artikoli finali jirreferu għall-proċedura ta' Kumitat (Artikolu 17) u għat-tħassir ta’ żewġ Regolamenti eżistenti li se jiġu sostitwiti kompletament mir-Regolament (Artikolu 18).

Il-ħames Annessi jistabbilixxu l-informazzjoni dettaljata dwar il-koeffiċjenti unitarji ta’ bhejjem, il-lista tal-limiti massimi fiżiċi, il-lista ta’ karatteristiċi għad-dejta strutturali ċentrali, il-karatteristiċi li għandhom ikunu koperti fil-moduli, u r-rekwiżiti relatati mal-preċiżjoni.

2016/0389 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar statistika integrata tal-azjendi agrikoli

u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jistabbilixxi qafas għall-istatistika Ewropea dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli sal-2016. Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 għandu sussegwentement jitħassar.

(2) Il-programm ta' stħarriġ Ewropew dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli, li ilhu jitwettaq fl-Unjoni mill-1966 għandu jitkompla biex ikunu eżaminati x-xejriet fl-istruttura ta' azjendi agrikoli fil-livell tal-Unjoni u biex tkun provduta l-bażi ta' għarfien statistiku meħtieġ għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki relatati, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni u l-politiki dwar l-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.

(3) Evalwazzjoni internazzjonali tal-istatistika agrikola wasslet għall-istabbiliment tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) li kienet approvata mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Istatistika (UNSC) fl-2010. L-istatistika agrikola Ewropea għandha, fejn ikun il-każ, issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali, kif ukoll dawk tal-Programm Dinji tal-FAO għaċ-Ċensiment tal-Agrikoltura 2020.

(4) Għad-deċennju li jmiss għandu jiġi stabbilit programm ta' stħarriġ bi skopijiet multipli dwar l-azjendi agrikoli sabiex jipprovdi l-qafas għal statistika armonizzata, kumparabbli u koerenti.

---

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

(5) L-Istrateġija dwar Statistika Agrikola 2020 u lil hinn, stabbilita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) f'Novembru 2015, tipprevedi l-adozzjoni ta' żewġ Regolamenti qafas li jkopru l-aspetti kollha tal-istatistika agrikola, bl-eċċezzjoni tal-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura. Dan ir-Regolament dwar statistika integrata tal-azjendi agrikoli huwa wieħed minn dawk ir-Regolamenti qafas.

(6) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-kumparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u biex ikunu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Organizzazzjoni tas-Suq Uniku u b'mod partikolari s-settur tal-frott u l-inbid, ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] għandu jiġi integrat mal-informazzjoni strutturali fil-livell tal-azjendi agrikoli mill-2023 'il quddiem. Ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 għandu sussegwentement jitħassar.

(7) L-istatistika kumparabbli mill-Istati Membri kollha dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli hija importanti biex tiddetermina l-iżvilupp tal-politika agrikola komuni. Għalhekk il-klassifikazzjonijiet standard u d-definizzjonijiet komuni għandhom jintużaw sa fejn hu possibbli għall-karatteristiċi tal-istħarriġ.

(8) Għall-finijiet tal-aġġornament tar-reġistri bażiċi tal-azjendi agrikoli u l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa għall-istratifikazzjoni tal-istħarriġ kampjunarju, fl-Unjoni għandu jsir ċensiment tal-azjendi agrikoli mill-inqas kull għaxar snin. L-aktar ċensiment riċenti sar fl-2009/2010.

(9) Biex ikun evitat li jitqiegħed piż bla bżonn fuq l-azjendi agrikoli u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti limiti massimi li jeskludu unitajiet ta' stħarriġ mhux rilevanti mill-entitajiet bażiċi fir-rigward ta' liema statistika trid tinġabar.

(10) L-erjas kollha użati għall-produzzjoni agrikola għandhom ikunu koperti mill-istatistika agrikola inkluża l-art użata minn diversi azjendi agrikoli minħabba li japplikaw drittijiet komuni.

(11) Biex jitnaqqas il-piż fuq il-parteċipanti, l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra għandu jkollhom aċċess għal dejta amministrattiva, sal-punt li dik id-dejta hija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.

(12) Għall-finijiet ta' flessibbiltà għas-sistema Ewropea tal-istatistika agrikola, u s-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-istatistika agrikola, il-varjabbli li għandhom jinġabru għandhom jiġi allokati għal gruppi ta' ġbir differenti (dejta u moduli ċentrali) li jvarjaw fil-frekwenza jew fir-rappreżentattività, jew it-tnejn.

(13) Il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-użu ta' nutrijenti u ilma u dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola applikati f'azjendi agrikoli għandu jittejjeb biex tkun provduta statistika addizzjonali għall-iżvilupp tal-politika agroambjentali u biex tittejjeb il-kwalità tal-indikaturi agroambjentali.

---

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 7).

(14) Għall-ġeoreferenza tal-azjendi, is-sistema tal-grilji ġeografiċi Ewropej skont l-Anness I tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] għandha tintuża bħala l-qafas ta' referenza komuni.

(15) Il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-kunfidenzjalità tad-dejta trażmessa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Il-protezzjoni meħtieġa tal-kunfidenzjalità tad-dejta għandha tkun żgurata, fost mezzi oħra, bil-limitazzjoni tal-użu tal-parametri tal-post għall-analiżi tal-ispazju tal-informazzjoni u bl-aggregazzjoni xierqa meta tkun pubblikata l-istatistika. Għal dik ir-raġuni għandu jiġi żviluppat approċċ armonizzat għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-aspetti ta' kwalità għad-disseminazzjoni tad-dejta.

(16) Kwalunkwe proċessar ta' dejta personali taħt dan ir-Regolament huwa soġġett għad-Direttiva 95/46/KE u għad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħha, u/jew għar-Regolament 45/2001, skont ma jkun il-każ.

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea msemmija f'dan ir-Regolament għall-fini tad-definizzjoni tal-popolazzjoni rilevanti ta' azjendi agrikoli.

(18) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], l-unitajiet territorjali għandhom ikunu definiti skont il-klassifikazzjoni tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS).

(19) Biex isir l-istħarriġ għandu jintalab finanzjament kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Unjoni għal numru ta' snin. Għalhekk għandha ssir proviżjoni għal għotja tal-Unjoni b'appoġġ għal dak il-programm ta' stħarriġ permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija taħt ir-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

(20) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali rilevanti (QFP) li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-

---

8 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

9 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

10 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

11 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 13, 18.01.2011, p. 3).

12 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Kummissjoni dwar kooperazzjoni f'materji ta' baħit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[13]. Ir-Regolament jipprevedi l-istabbiliment tal-baġit għal aktar stħarriġ fil-kuntest tal-qafas finanzjarju sussegwenti.

(21) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza u kumparabbiltà jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprovdi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji ta' statistika u mal-kriterji ta' kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament. Ir-rapporti ta' kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva standard tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) għal Struttura ta' Rapporti ta' Kwalità, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-istandard tal-ESS għandu jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni ta' rappurtar ta' kwalità taħt dan ir-Regolament.

(23) Twettqet valutazzjoni tal-impatt skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex il-programm ta' stħarriġ stabbilit b'dan ir-Regolament ikun iffukat fuq il-ħtieġa għal effettività fil-kisba tal-objettivi u biex jiġu inkorporati l-limitazzjonijiet baġitarji mill-fażi tat-tfassil tal-programm tal-istħarriġ 'il quddiem.

(24) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tad-deskrizzjonijiet ta' karatteristiċi elenkati fl-Anness III u l-elementi tad-dejta li għandhom jiġu provduti, fejn tiġi definita l-informazzjoni li għandha tiġi provduta fuq bażi *ad hoc*, kif ukoll jiġu stabbiliti l-modalitajiet u l-kontenut tar-rapporti ta' kwalità. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] tas-16 ta' Frar 2011.

(25) Biex jittieħed kont tal-ħtiġijiet tad-dejta li qed jitfaċċaw u li prinċipalment jirriżultaw minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, leġiżlazzjoni riveduta u prijoritajiet tal-politika li qed jinbidlu, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV. Sabiex tipprovdi għall-kumpatibbilità u tiffaċilita l-użu ta' sorsi oħra ta' dejta, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-karatteristiċi elenkati fl-Anness III. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[15]. B'mod partikolari, biex tkun

---

13 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

14 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

15 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom sistematikament aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.

(26) Ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

(27) Ġie kkonsultat ukoll il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għal statistika Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u jipprevedi l-integrazzjoni ta' informazzjoni dwar l-istruttura ma' dik dwar metodi ta' produzzjoni, miżuri ta' żvilupp rurali, aspetti agroambjentali u informazzjoni relatata oħra.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "azjenda agrikola" ("farm") tfisser unità unika, kemm teknikament kif ukoll ekonomikament, li għandha ġestjoni unika u li twettaq attivitajiet ekonomiċi fl-agrikoltura skont ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 li tagħmel parti mill-gruppi A.01.1, A.01.2, A.01.3, A.01.4, A.01.5 jew minn "il-manutenzjoni ta' art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" tal-grupp A.01.6 fit-territorju ekonomiku tal-Unjoni, bħala l-attività primarja jew sekondarja tagħha. Rigward l-attivitajiet tal-klassi A.01.49, l-attivitajiet ta' "Trobbija u tnissil ta' annimali semidomestiċi jew annimali ħajjin oħra" (bl-eċċezzjoni tat-trobbija tal-insetti) u "Trobbija ta' naħal u l-produzzjoni ta' għasel u x-xemgħa tan-naħal" biss huma inklużi;

(b) "unità agrikola tal-art komuni" tfisser entità ta' art li fuqha japplikaw drittijiet komuni u li hija użata minn diversi azjendi agrikoli għall-produzzjoni agrikola, iżda li mhix allokata fosthom;

(c) "reġjun" tfisser l-unità territorjali tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), definita skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(d) "unità ta' bhejjem" tfisser unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta' bhejjem sabiex ikunu jistgħu jitqabblu; il-koeffiċjenti għall-istabbiliment tal-unitajiet ta' bhejjem għall-kategoriji ta' bhejjem individwali huma elenkati fl-Anness I.

(e) "sena ta' referenza tal-istħarriġ" tfisser sena kalendarja li għaliha jirreferu l-perjodi ta' referenza.

(f) "ġnien kulinari" tfisser erjas użati għall-produzzjoni ta' ikel maħsub għall-konsum proprju.

Artikolu 3

Kopertura

1. Id-dejta meħtieġa minn dan ir-Regolament għandha tkopri 98 % tal-erja agrikola utilzzata totali (EAU) (esklużi l-ġonna kulinarji) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem tal-Istat Membru.

2. Sabiex jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dejta rappreżentattiva tal-azjendi agrikoli u l-unitajiet agrikoli tal-art komuni li jissodisfaw mill-inqas waħda mil-limiti massimi fiżiċi elenkati fl-Anness II fir-rigward tad-daqs tal-art agrikola jew in-numru ta' annimali.

3. Eċċezzjonalment, fejn il-qafas tal-istħarriġ prinċipali speċifikat taħt il-paragrafu 2 jirrappreżenta aktar minn 98 % tal-produzzjoni agrikola nazzjonali, imkejla bl-Output Standard skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014[16], l-Istati Membri jistgħu, soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni (Eurostat), jistabbilixxu limiti massimi ekonomiċi fiżiċi jew korrispondenti ogħla biex inaqqsu l-qafas tal-istħarriġ, diment li tintlaħaq il-kopertura ta' 98 % tal-erja agrikola utilizzata totali (esklużi l-ġonna kulinari) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem tal-Istati Membri.

4. Fejn il-qafas tal-istħarriġ prinċipali speċifikat taħt il-paragrafu 2 ma jirrappreżentax 98 % tal-erja agrikola utilizzata u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem, l-Istati Membri għandhom jestendu l-qafas billi jistabbilixxu limiti massimi aktar baxxi minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2 jew billi jistabbilixxu limiti massimi addizzjonali, jew it-tnejn.

Artikolu 4

Sorsi ta' dejta

1. Sabiex tinkiseb id-dejta msemmija f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ statistiku.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw informazzjoni mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [[18]] u s-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004[19], ir-reġistru tal-vinji implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament

[16] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014 li jissupplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 321, 7.11.2014, p. 2).

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ammiali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

(KE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], u r-reġistri tal-biedja organika stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[21], diment li l-informazzjoni tkun mill-inqas tal-istess kwalità bħall-informazzjoni miksuba minn stħarriġ statistiku. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll sorsi amministrattivi assoċjati ma' miżuri ta' żvilupp rurali speċifiċi.

3. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jużaw sorsi ta' informazzjoni oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 biex jipprovdu dejta diment li jkunu mill-inqas tal-istess kwalità bħall-informazzjoni miksuba minn stħarriġ statistiku. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw sorsi oħra għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) matul is-sena preċedenti għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ u għandhom jipprovdu d-dettalji dwar il-kwalità tad-dejta miksuba minn dak is-sors u l-metodi ta' ġbir ta' dejta li se jintużaw.

4. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw dejta, minnufih u mingħajr ħlas, inkluża dejta individwali dwar azjendi agrikoli u dejta personali dwar id-detenturi tagħhom li tkun tinsab f'fajls amministrattivi miġbura fit-territorju nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-awtoritajiet nazzjonali u s-sidien tar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa.

Artikolu 5

Dejta strutturali ċentrali

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu dejta strutturali ċentrali ("dejta ċentrali") relatata mal-azjendi agrikoli msemmija fil-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 3, għas-snin ta' referenza tal-istħarriġ 2020, 2023 u 2026 kif elenkati fl-Anness III. Il-ġbir tad-dejta ċentrali għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020 għandu jsir bħala ċensiment.

2. Il-ġabriet ta' dejta ċentrali għas-snin ta' referenza tal-istħarriġ 2023 u 2026 jista' jsir bħala stħarriġ kampjunarju. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-istħarriġ ipponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jkunu mfassla biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni mniżżla fl-Anness V.

3. Meta karatteristika elenkata fl-Anness III għandha prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-karatteristika tista' tiġi eskluża mill-ġbir tad-dejta diment li l-Istat Membru kkonċernat jipprovdi informazzjoni fejn jiġġustifika debitament l-esklużjoni tagħha lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li jiġu speċifikati d-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi elenkati fl-Anness III.

---

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

5. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 6 xhur, jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2023 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2026.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 dwar emendi tal-informazzjoni elenkata fl-Anness III f'każ li din tkun meħtieġa għall-fini tal-armonizzazzjoni mas-sorsi tad-dejta speċifikati fl-Artikolu 4(2), għas-snin 2023 u 2026. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha l-Kummissjoni għandha tiżgura li tali atti delegati jissostitwixxu biss il-karatteristiċi elenkati fl-Anness III li ma jistgħux jinkisbu direttament mis-sorsi ta' dejta speċifikati. Hija għandha tiżgura li tali atti delegati ma jimponux piż jew kost addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq il-parteċipanti, u li massimu ta' 10 %, imqarreb għall-eqreb valur sħiħ, tal-karatteristiċi elenkati fl-Anness III jista' jiġi mibdul.

7. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2023 u sat-30 ta' Settembru 2024 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2026.

Artikolu 6

Estensjoni tal-qafas

1. L-Istati Membri li jestendu l-qafas tal-istħarriġ skont l-Artikolu 3(4) għandhom jipprovdu dejta ċentrali dwar l-azjendi agrikoli inklużi f'dik l-estensjoni tal-qafas għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, fejn tkun koperta l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III.

2. Id-dejta dwar l-azjendi agrikoli fl-estensjoni tal-qafas tista' tinġabar billi jsir stħarriġ kampjunarju. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-istħarriġ ipponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u mfassla biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni mniżżla fl-Anness V.

Artikolu 7

Dejta tal-modulu

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu d-dejta tal-modulu ("moduli") dwar is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV għas-snin ta' referenza tal-istħarriġ li jmiss:

(a) il-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra" għall-2020, l-2023 u l-2026;

(b) il-modulu "Żvilupp rurali" għall-2020, l-2023 u l-2026;

(c) il-modulu "Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel" għall-2020 u l-2026;

(d) il-modulu "Irrigazzjoni" għall-2023;

(e) il-modulu "Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija" għall-2023;

(f) il-modulu "Makkinarju u tagħmir" għall-2023;

(g) il-modulu "Ġnien tal-frott" għall-2023;

(h) il-modulu "Vinja" għall-2026;

2. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-ġbir ta' dejta għandu jinkludi l-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 3(3).

3. Il-moduli jistgħu jinġabru billi jsir stħarriġ kampjunarju. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-istħarriġ ipponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u mfassla biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.

4. Il-moduli għandhom jinġabru minn subkampjuni tal-azjendi agrikoli mistħarrġa għad-dejta ċentrali għall-istess sena ta' referenza. Fi kwalunkwe każ kull rekord li jipprovdi informazzjoni dwar moduli għandu jkun akkumpanjat mid-dejta ċentrali elenkata fl-Anness III.

5. L-Istati Membri b'inqas minn 1000 ettaru ta' kwalunkwe wiċċ tar-raba' individwali, imsemmija taħt is-suġġetti dettaljati tal-modulu "Ġnien tal-frott" fl-Anness IV, bi produzzjoni kompletament jew fil-biċċa l-kbira tagħha għas-suq, huma eżentati milli jwettqu l-modulu "Ġnien tal-frott" għal dak il-wiċċ tar-raba' partikolari.

6. L-Istati Membri b'inqas minn 1000 ettaru ta' vinji mħawwla bi dwieli ta' għeneb għall-inbid, bi produzzjoni kompletament jew fil-biċċa l-kbira tagħha għas-suq, huma eżentati milli jwettqu l-modulu "Vinja".

7. L-Istati Membri b'inqas minn 2 % ta' erja saqwija tal-EAU, u mingħar reġjuni fil-livell NUTS 2 b'mill-inqas 5 % ta' erja saqwija tal-EAU, huma eżentati milli jwettqu l-modulu "Irrigazzjoni".

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) b'każijiet fil-paragrafi 5, 6 u 7 sal-aħħar ta' Ġunju tas-sena li tippreċedi s-sena ta' referenza tal-istħarriġ rispettiv.

9. Meta karatteristika jkollha prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-karatteristika tista' tiġi eskluża mill-ġbir tad-dejta diment li tkun provduta informazzjoni li tiġġustifika l-esklużjoni b'mod debitu lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

Artikolu 8

Speċifikazzjoni teknika dwar id-dejta tal-modulu

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li jkunu speċifikati l-elementi tekniċi li ġejjin tad-dejta li għandha tiġi provduta għal kull modulu u s-suġġett korrispondenti u s-suġġett dettaljat elenkati fl-Anness IV:

(a) il-lista ta' karatteristiċi u l-unitajiet ta' kejl korrispondenti;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 6 xhur, jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2023 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2026.

3. Għas-snin 2023 u 2026 il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta’ emendi tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha l-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti delegati ma jimponux piż jew kost addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq il-parteċipanti, u li massimu ta’ 25 %, imqarreb għall-eqreb valur sħiħ, tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV jinbidel għal kull modulu b’atti delegati.

4. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta’ Settembru 2021 għas-sena ta’ referenza tal-istħarriġ 2023 u sat-30 ta’ Settembru 2024 għas-sena ta’ referenza tal-istħarriġ 2026.

Artikolu 9

Dejta *ad hoc*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li tkun speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi provduta fuq bażi *ad hoc* billi jiġu provduti:

(a) lista ta’ karatteristiċi li ma taqbiżx l-40 varjabbli li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) u l-unitajiet ta’ kejl korrispondenti;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi;

(c) ir-rekwiżiti ta’ preċiżjoni;

(d) is-sena ta’ referenza tal-istħarriġ;

(e) il-perjodi ta’ referenza;

(f) is-sorsi ta’ dejta possibbli u aspetti metodoloġiċi oħra;

(g) id-dejta ta’ trażmissjoni.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta’ referenza tal-istħarriġ.

Artikolu 10

Perjodi ta’ referenza

L-informazzjoni miġbura għandha tirreferi għal sena ta’ referenza unika li hija komuni għall-Istati Membri kollha b’referenza għas-sitwazzjoni matul qafas ta’ żmien speċifikat kif ġej:

(a) Għall-karatteristiċi dwar l-art tal-azjendi agrikoli: (i) l-użu prinċipali tal-art għandu jirreferi għas-sena ta’ referenza tal-istħarriġ; (ii) kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta’ referenza fis-sena ta’ referenza tal-istħarriġ għall-identifikazzjoni ta' roqgħa art.

(b) Għall-karatteristiċi dwar l-irrigazzjoni u l-prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija, il-perjodu ta’ referenza huwa perjodu ta’ 12-il xahar li jintemm fis-sena ta’ referenza tal-istħarriġ, li għandu jiġi stabbilit minn kull Stat Membru bil-ħsieb li jkunu koperti ċ-ċikli ta’ produzzjoni relatati.

(c) Għall-karatteristiċi dwar il-bhejjem, l-akkomodazzjoni tal-annimali u l-ġestjoni tad-demel, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta’ referenza komuni fis-sena ta’ referenza tal-istħarriġ. Il-karatteristiċi dwar il-ġestjoni tad-demel għandhom jirreferu għall-perjodu ta’ 12-il xahar li jintemm f’dik id-data.

(d) Għall-karatteristiċi dwar il-forza tax-xogħol, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar li jintemm f'jum ta' referenza fis-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

(e) Għall-karatteristiċi dwar il-miżuri ta' żvilupp rurali implimentati fl-azjendi agrikoli individwali, il-perjodu ta' referenza għandu jkun il-perjodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

(f) Għall-karatteristiċi l-oħra kollha, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta' referenza komuni fis-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

Artikolu 11

Kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-dejta u tal-metadejta trażmessi.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji ta' kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta u tal-metadejta trażmessi.

4. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu, għal kull sena ta' referenza tal-istħarriġ koperta minn dan ir-Regolament, rapport ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċess statistiku u b'mod partikolari:

   (a) il-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragarfu 2;

   (b) il-kriterji ta' inklużjoni u esklużjoni applikati biex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kopertura speċifikati f'dan ir-Regolament;

   (c) l-organizzazzjoni u l-metodoloġija applikati;

   (d) il-qafas ta' teħid ta' kampjuni għall-istħarriġ;

   (e) il-livelli ta' preċiżjoni miksuba għall-istħarriġ kampjunarju;

   (f) il-perjodi ta' referenza skont l-Artikolu 10;

   (g) l-informazzjoni dwar il-kwalità tas-sorsi tad-dejta minbarra l-istħarriġ statistiku użat;

   (h) l-informazzjoni dwar il-validazzjoni tad-dejta mwettqa mill-Istat Membru qabel is-sottomissjoni tas-sett ta' dejta lill-Kummissjoni (Eurostat).

   Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-modalitajiet u l-kontenuti tar-rapporti ta' kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) kemm jista' jkun malajr, dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-dejta trażmessa.

6. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tkun evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

Artikolu 12

Trażmissjoni ta' dejta u metadejta

1. Għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu dejta ċentrali u tal-modulu u rapport ta' kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 15-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

2. Għas-snin ta' referenza tal-istħarriġ 2023 u 2026, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu dejta ċentrali validata, dejta tal-modulu forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra u rapport ta' kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 9 xhur wara tmiem is-sena ta' referenza tal-istħarriġ. Id-dejta għal moduli oħra u metadejta relatata għandhom jintbagħtu fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza tal-istħarriġ.

3. Id-dejta trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun fil-livell ta' azjendi agrikoli individwali. Il-modulu u d-dejta *ad hoc* għandhom ikunu marbuta mad-dejta ċentrali elenkata fl-Anness III fil-livell ta' azjenda agrikola individwali għall-istess sena ta' referenza. Ir-rekords provduti għandhom jinkludu l-fatturi ta' estrapolazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta u l-metadejta bl-użu ta' format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-dejta u l-metadejta għandhom ikunu provduti lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz ta' servizzi ta' punt ta' dħul uniku.

Artikolu 13

Kontribuzzjoni tal-Unjoni

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni tista' tipprovdi għotjiet lill-istituti tal-istatistika nazzjonali u lil awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għal

   (a) l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tad-dejta, jew it-tnejn;

   (b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji li jimmiraw lejn kwalità ogħla jew kostijiet aktar baxxi u l-piż amministrattiv tal-ġbir u l-produzzjoni ta' statistika integrata dwar azjendi agrikoli jew it-tnejn li huma.

2. L-Istati Membri jistgħu jirċievu għotjiet mill-Unjoni biex ikopru l-kost tal-ġbir ta' dejta speċifikat fl-Artikoli 5, 6 u 7, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pakkett finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 14.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż il-75 % tal-kostijiet eliġibbli, soġġett għall-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafi 4 u 5.

4. Għall-kostijiet miġbura flimkien tad-dejta ċentrali u l-ġabriet ta' dejta tal-modulu tal-2020, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammonti massimi speċifikati hawn taħt:

   (a) EUR 50 000 kull wieħed għal-Lussemburgu u għal Malta;

   (b) EUR 1 000 000 kull wieħed għall-Awstrija, il-Kroazja, l-Irlanda u l-Litwanja;

   (c) EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall u r-Renju Unit;

   (d) EUR 3 000 000 kull wieħed għall-Greċja, Spanja u Franza;

(e) EUR 4 000 000 kull wieħed għall-Italja, il-Polonja u r-Rumanija;

(f) EUR 300 000 kull wieħed għall-Istati Membri kollha l-oħra.

5. Għad-dejta ċentrali u l-ġabriet ta' dejta tal-modulu fl-2023 u l-2026, l-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafu 4 għandhom jitnaqqsu b'50 %, soġġett għad-dispożizzjonijiet taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020.

6. Għall-ġbir tad-dejta *ad hoc* speċifikat fl-Artikolu 9, l-Unjoni tista' tipprovdi għotjiet lill-istituti tal-istatistika nazzjonali u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex ikopru l-kost tal-implimentazzjoni ta' ġbir ta' dejta *ad hoc*. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-kostijiet eliġibbli.

7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni hija provduta mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont l-Artikolu 4(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 14

Pakkett finanzjarju

1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ġabriet ta' dejta għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, inklużi l-approprjazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tas-sistemi ta' bażi tad-dejta użati fi ħdan il-Kummissjoni biex tkun proċessata d-dejta fornuta mill-Istati Membri taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ta' EUR 40 000 000 għall-perjodu 2018-2020, kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

2. Wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020, l-ammont għall-perjodu ta' wara l-2020 għandu jkun stipulat mill-awtorità baġitarja u leġiżlattiva fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 15

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli konsistenti u effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn ikun il-każ, b'penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditu, fuq il-bażi ta' dokumenti u kontrolli fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-subkuntratturi u l-partijiet terzi kollha li, direttament jew indirettament, irċevew fondi tal-Unjoni taħt il-Programm.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u

[22] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[23] bil-ħsieb li jkun stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt finanzjat, direttament jew indirettament, fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament.

4. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu awditi, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn.

5. Fejn l-implimentazzjoni ta' azzjoni hija esternalizzata jew subdelegata, kompletament jew parzjalment, jew fejn tirrikjedi l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew li jingħata appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta' għoti jew id-deċiżjoni ta' għoti għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponu fuq kwalunwke parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta' dawn is-setgħat tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF.

6. Il-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġeta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 8(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 8(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(6) jew l-Artikolu 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-

---

(OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.)

Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Tħassir

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
3. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta’ ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Statistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[24]

3403 – Produzzjoni ta' statistika Ewropea

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[25]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar l-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

X Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

Dejta statistika armonizzata u kumparabbli dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli tikkontribwixxi għall-prijorità 4 ("Suq intern aktar profond u ġust b'bażi industrijali msaħħa") tal-għaxar prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, iżda li tista' tikkontribwixxi wkoll għal mill-inqas il-prijoritajiet l-oħra li ġejjin: 1 ("Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment"), 3 ("Unjoni tal-enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem") u 9 ("Attur globali aktar b'saħħtu").

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/i u attività/attivitajiet ABM/ABB konċernat(i)

Objettiv speċifiku Nru

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016 Inizjattiva REFIT Nru26 - Pakkett tal-Istatistika

Attività/attivitajiet ta' ABM/ABB konċernata/i

3403 – Produzzjoni ta' statistika Ewropea

[24] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[25] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura appoġġ finanzjarju ulterjuri għall-Istati Membri biex jiġbru dejta dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli, billi jiġi stipulat il-pakkett finanzjarju għall-perjodu 2019-2020, b'estensjoni possibbli sal-2028 skont il-QFP il-ġdid.

Bi tweġiba għat-tibdil fl-agrikoltura dinjija bħall-globalizzazzjoni u t-tibdil fil-klima u t-tibdil konsegwenti fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u f'politiki oħra tal-UE relatati mal-agrikoltura li joħolqu ħtiġijiet ġodda ta' dejta, u biex jitnaqqsu kemm l-inkoerenzi bejn id-dejta statistika agrikola kif ukoll il-piż tal-ġbir tad-dejta, l-inizjattiva għandha l-għan li tistabbilixxi leġiżlazzjoni mġedda għall-ġbir ta' statistika strutturali fil-livell tal-azjendi agrikoli. Id-dejta ta' kwalità għolja kumparabbli mal-Istati Membri kollha hija importanti għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE bħall-PAK u politiki relatati, li jieħdu kważi 40 % tal-baġit totali tal-UE.

Leġiżlazzjoni statistika hija leġiżlazzjoni primarjament amministrattiva li prinċipalment taffettwa lill-utenti tad-dejta (jiġifieri servizzi oħra tal-Kummissjoni), il-produtturi tad-dejta (Istituti Nazzjonali tal-Istatistika), u l-parteċipanti tad-dejta (bdiewa), b'effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti limitati biss. Il-kostijiet diretti prinċipali għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament għal sistemi tal-istatistika, organizzattivi u tekniċi ġodda, iżda dawk il-kostijiet u l-piżijiet huma mistennija jħallsu għalihom infushom bejn perjodu medju u twil billi jbaxxu l-piż tal-ġbir tad-dejta u jiksbu diversi effiċjenzi u tfaddil.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-ġbir nazzjonali ta' dejta ta' statistika agrikola mistennija tkompli f'livell u fi propozjon kumparabbli mal-istatus quo fis-sistema l-ġdida, u l-infiq nazzjonali għandu wkoll jilħaq livell simili bħal dak tal-lum. Meta jitwettqu kompletament, l-azzjonijiet ta' tnaqqis tal-piż u tal-kost kif ukoll in-nuqqas mistenni fl-għadd ta' azjendi agrikoli (abbażi ta' xejriet osservati) jistgħu jwasslu għal ħtieġa baġitarja mnaqqsa għall-ġbir tad-dejta.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impattt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Il-valutazzjonijiet annwali tal-konformità, l-iskambji kontinwi mal-partijiet kkonċernati biex tittejjeb is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS) u r-rapporti ta' monitoraġġ ta' kull tliet snin ibbażati fuq diversi indikaturi u miri tal-prestazzjoni ewlenin, se jservu biex tiġi riveduta l-politika.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil*

L-istħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli (iċ-ċensiment agrikolu tal-2020 u l-istħarriġ kampjunarju tal-2023 u tal-2026) huwa kopert u parzjalment finanzjat mir-regolament propost.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Politiki armonizzati tal-UE bħall-PAK jeħtieġu *ipso facto* dejta ta' kwalità għolja kumparabbli mal-Istati Membri kollha biex l-interventi tal-politika jkunu mmirati bl-aktar mod effiċjenti, effettiv u ġust. Dan jista' jkun żgurat biss b'azzjoni komuni u

koordinata fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS). Dan huwa partikolarment importanti għal politika li tieħu kważi 40 % tal-baġit totali tal-UE, l-akbar allokazzjoni unika tiegħu.

1.5.3. Tgħalimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat

L-istħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli ilu jsir fuq bażi tal-UE mill-1966/1967 u għadu pilastru fundamentali tal-istatistika agrikola Ewropea. Iżda l-bażi ġuridika tiegħu jeħtieġ tiġi aġġornata biex tilħaq l-isfidi dettaljati hawn fuq u jiġu rimedjati l-kwistjonijiet ewlenin identifikati f'evalwazzjoni *ex post* tal-EASS attwali. Dawn huma:

1. Il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-istatistika agrikola ma taqdix b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' dejta ġodda u li qed jitfaċċaw

2. L-EASS mhix flessibbli biżżejjed u mhux qed tirreaġixxi malajr biżżejjed għall-ħtiġijiet li qed jitfaċċaw

3. Il-ġabriet ta' dejta mhumiex armonizzati u koerenti sa livell sodisfaċenti

4. L-istatistika tista' tiġi prodotta b'mod aktar effiċjenti

5. Il-piż għall-forniment ta' dejta huwa meqjus bħala għoli

1.5.4. Kompatibilità u sinerġija possibbli ma' strumenti adatti oħra

Ir-regolament propost huwa parti mill-istrateġija tal-Eurostat għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn, ippjanata li tikkonsisti f'żewġ regolamenti qafas: Statistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli (IFS, Integrated Farm Statistics) u Statistika dwar l-Input u l-Prodotti Agrikoli (SAIO, Statistics on Agricultural Input and Output). Iż-żewġ regolamenti jkunu jintegraw kamp ta' applikazzjoni komuni u jikkondividu dokumentazzjoni teknika u metodoloġika u flimkien ikopru l-aspetti kollha tal-istrateġija għall-istatistika agrikola.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– X Proposta/inizjattiva b'effett sal-31/12/2028

– X Impatt finanzjarju mill-2019 sal-2020 (b'impatt finanzjarju possibbli estiż sal-2028 skont il-QFP il-ġdid)

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[26]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[26] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/en/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet

Dawk li jirċievu għotjiet għandhom jibagħtu d-dejta miġbura u r-rapporti ta' kwalità korrispondenti.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Kwistjonijiet potenzjali ta' kwalità tad-dejta u ta' puntwalità.

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Dokumentazzjoni u linji gwida tekniċi u metodoloġiċi li għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri bil-quddiem. Il-konformità mal-iskadenzi se tiġi monitorjata. Ir-rapporti ta' kwalità se jiġu skrutinizzati għal kull stħarriġ.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' errur

Il-kontrolli ma jkollhom l-ebda kost addizzjonali peress li se jitwettqu minn uffiċjali tal-Kummissjoni bħala parti mill-kompiti regolari tagħhom. Il-benefiċċji tagħhom huma kwalità u kumparabbiltà akbar tad-dejta. Il-livell mistenni ta' riskju ta' żbalji huwa baxx, peress li l-ġbir tad-dejta fi statistika agrikola ilu jsir b'kooperazzjoni tajba mal-Istati Membri mis-snin ħamsin. L-adattament ta' sistemi tekniċi ta' stħarriġ u ta' sistemi ta' stħarriġ oħra jista' jwassal għal żieda żgħira fir-riskju ta' errur fuq terminu qasir, iżda huwa mistenni li jerġa' lura għall-medja bejn terminu medju u twil.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Minbarra li japplika l-mekkaniżmi ta' kontroll regolatorji kollha, il-Eurostat se japplika strateġija ta' kontra l-frodi f'konformità mal-azzjonijiet ta' kontra l-frodi ġenerali tal-Kummissjoni. Dan se jiżgura li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju ta' frodi jkun immirat biex jiġu identifikati oqsma ta' riskju ta' frodi u risponsi adegwati. Fejn ikun meħtieġ se jiġu stabbiliti gruppi ta' netwerking u għodda tal-IT speċifika dedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi. Il-Eurostat iddefinixxa strateġija ta' kontroll li takkumpanja l-implimentazzjoni tan-nefqa. Il-miżuri u l-għodda ta' din l-istrateġija huma kompletament applikabbli għar-regolament propost. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kost-effettivi kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskju se jkollhom l-għan li jnaqqsu l-probabbiltà ta' frodi u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tiegħu. Miżuri ta' sensibilizzazzjoni speċifiċi u taħriġ rilevanti fir-rigward tal-prevenzjoni tal-frodi huma parti mill-istrateġija ta' kontroll.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […] [Intestatura…………]	Diff./Mhux diff[27].	mill-pajjiżi tal-EFTA[28]	mill-pajjiżi kandidati[29]	mill-pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2	05 08 02 "Stħarriġ dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli"	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […] [Intestatura…………]	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	mill-pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	Xejn		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

[27] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[28] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
[29] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali	2	05 08 02 "Stħarriġ dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli"

DĠ: AGRI			Sena **2019**[30]	Sena **2020**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 05 08 02	Impenji	(1)	39 000	1 000	40 000
	Pagamenti	(2)	19 200	0.900	20 100
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)			
	Pagamenti	(2a)			
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[31]					
Numru tal-linja baġitarja		(3)			
Approprjazzjonijiet TOTALI Għal DĠ AGRI	Impenji	=1+1a +3	39 000	1 000	40 000
	Pagamenti	=2+2a +3	19 200	0.900	20 100

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	39 000	1 000	40 000
	Pagamenti	(5)	19 200	0 900	20 100

30 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

31 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)			
TOTAL ta' Approprjazzjonijiet **Taħt l-INTESTATURA 2** tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	39 000	1 000	40 000
	Pagamenti	=5+ 6	19 200	0 900	20 100

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)			
	Pagamenti	(5)			
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)			
TOTAL ta' approprjazzjonijiet **Taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6			
	Pagamenti	=5+ 6			

Intestatura tal-qafas finanzjajru pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

DĠ: ESTAT 29 01				
• Riżorsi umani		0 549	0 549	**1 098**
• Nefqa amministrattiva oħra		0 045	0 030	**0 075**
TOTAL DĠ ESTAT	Approprjazzjonijiet	0 594	0 579	**1 173**

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0 594	0 579	**1 173**

miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

		2019	**2020**	**TOTAL**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	39 594	1 579	**40 573**
	Pagamenti	19 794	1 479	**21 273**

3.2.2. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			2019		2020			
	OUTPUTS							
	Tip[32]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[33]...								
- Output	Bażi ta' dejta			0 600		1 000		1 600
- Output	Mikrodejta dwar azjendi agrikoli			38 400		0		38 400
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1				39 000		1 000		40 000
KOST TOTALI			39 000			1 000		40 000

32 L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: numru ta' skambji ta' studenti finanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

33 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	2019	2020	**TOTAL**
INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali			
Riżorsi umani	0 549	0 549	**1 098**
Nefqa amministrattiva oħra	0 045	0 030	**0 075**
Subtotal INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali	0 594	0 579	**1 173**
Barra l-INTESTATURA 5[34]tal-qafas finanzjarju pluriennali			
Riżorsi umani			
Nefqa oħrata' natura amministrattiva			
SubtotalBarra l-INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali			
TOTAL	0 594	0 579	**1 173**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji

.

34 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		2019	2020
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)			
29 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		4.1	4.1
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)			
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)			
10 01 05 01 (Riċerka diretta)			
• Persunal estern (f'unità ekwivalenti għall-full time: FTE)[35]			
XX 01 02 01 (AC, SNE, INT mill-"pakkett globali")			
XX 01 02 02 (AC, AL, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet)			
XX 01 04 **ss** [36]	- fil-Kwartieri Ġenerali		
	- fid-Delegazzjonijiet		
XX 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka indiretta)			
10 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka diretta)			
Linji baġitarji oħra (speċifika)			
TOTAL		4.1	4.1

XX huwa l-qasam ta' politika jew l-intestatura baġitarja konċernati.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	- ġestjoni ta' għotjiet relatati mal-inizjattiva - validazzjoni ta' dejta - appoġġ u ħidma metodoloġika - analiżi ta' rapporti - disseminazzjoni ta' dejta
Persunal estern	

35 AC=Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; SNE=Espert Nazzjonali Sekondat; INT=persunal ta' aġenzija; JED= Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

36 Sublimitu għal persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu linji "BA").

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– X Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Xejn

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Xejn

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena**N**	Sena**N+1**	Sena**N+2**	Sena**N+3**	Daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul mixxellanju

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Linja tad-dħul baġitarja:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[37]						
		Sena N	Sena N +1	Sena N +2	Sena N+3	Daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i tan-nefqa baġitarja/i affettwata/i.

Mhux applikabbli

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul

Mhux applikabbli

37 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.